II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1727

tad-29 ta' Settembru 2021

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 230(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi, fost l-oħrajn, ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali, u japplika mill-21 ta' April 2021. Wieħed minn dawk ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali huwa li dawk il-konsenji jridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew territorju, żona jew kompartiment tiegħu, elenkat f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiżi terzi jew territorji jew żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ ta' annimali tal-akkwakultura. Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jipprevedi li konsenji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jistgħu jitħallew jidħlu fl-Unjoni biss jekk ikunu ġejjin minn pajjiż terz jew territorju, jew żona jew kompartiment tiegħu, elenkat għall-ispeċijiet partikolari ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stipulati f'dak ir-Regolament Delegat.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom, jew kompartimenti tagħhom fil-każ ta' annimali tal-akkwakultura, li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' dawk l-ispeċijiet u l-kategoriji ta' annimali u ta' dawk il-kategoriji ta' prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

(4) Jenħtieġ li jiġi kkoreġut żball żgħir fit-titolu tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(5) Id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' annimali akkwatiċi ħajjin maħsuba għall-konsum mill-bniedem huwa permess biss jekk dawn jikkonformaw mal-Kapitolu V tat-Taqsima VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u mal-kriterji stabbiliti fil-punti 1.17 u 1.25 tal-Kapitolu I tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 ([5]). Għalhekk, dawn l-annimali ma jistgħux jidħlu fl-Unjoni jekk ikunu destinati għal ċentri ta' purifikazzjoni u, f'ċerti ċirkostanzi, għal ċentri ta' dispaċċ. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-annimali akkwatiċi ma jistgħux jidħlu fl-Unjoni jekk dawn ikunu destinati għal ċerti tipi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura. Ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 ([6]) u (UE) 2020/2236 ([7]) ġew emendati biex iqisu dan. B'riżultat ta' dan, biex jiġi żgurat l-allinjament ma' dawk ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni u biex tiġi evitata l-ambigwità, il-punt (t) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġi emendat ukoll biex jiġi ċċarat li l-lista stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 tapplika biss għall-konsenji li jkunu destinati għal ċerti stabbilimenti tal-akkwakultura.

(6) It-tabella fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ungulati, għajr annimali ekwini u ungulati maħsuba għal stabbilimenti konfinati. Fir-raba' kolonna ta' dik it-tabella, fl-entrati għall-Iżlanda u għal New Zealand dwar l-annimali ċervidi u l-annimali kamelidi, jenħtieġ li jiġi kkoreġut żball klerikali fir-rigward tal-kategoriji tal-annimali u jenħtieġ li tidher biss il-kategorija "Annimali għal żamma ulterjuri". Għalhekk, l-entrati għall-Iżlanda u għal New Zealand fit-tabella fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġu kkoreġuti bix-xieraq.

(7) Barra minn hekk, fil-ħames kolonna tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, fl-entrata għal Greenland, jenħtieġ li żball klerikali fir-rigward tal-isem taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-annimali ċervidi CER-X jiġi kkoreġut u sostitwit b'CAM-CER. Għalhekk, jenħtieġ li l-entrata għal Greenland fit-tabella fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 tiġi kkoreġuta skont dan.

(8) Barra minn hekk, fir-raba' u l-ħames kolonni tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, fl-entrati għaż-żoni GB-1 u GB-2 fir-Renju Unit (GB), jenħtieġ li jiddaħħlu l-kategorija "u maħsuba għall- iskarnar" u ċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali "BOV-Y" rispettivament biex jirriflettu l-kategoriji tal-annimali u ċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 ([8]), li kien japplika sal-20 ta' April 2021. Għalhekk, jenħtieġ li l-entrata għar-Renju Unit (GB) fit-tabella fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 tiġi kkoreġuta skont dan.

(9) Barra minn hekk, fis-seba' kolonna tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, l-entrata għall-Kanada jenħtieġ li tiġi emendata fir-rigward tal-garanziji tas-saħħa tal-annimali biex tirrifletti l-garanziji stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 206/2010, li kien japplika sal-20 ta' April 2021. Għalhekk, l-entrata għall-Kanada fit-tabella fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar il-kriterji mikrobijoloġiċi għall-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 tas-16 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali u mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti, ċertifikazzjoni uffiċjali dwar dawn iċ-ċertifikati u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 599/2004, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 636/2014 u (UE) 2019/628, id-Direttiva 98/68/KE u d-Deċiżjonijiet 2000/572/KE, 2003/779/KE u 2007/240/KE (ĠU L 442, 30.12.2020, p. 1).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2236 tas-16 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni u għall-movimenti fl-Unjoni ta' konsenji ta' annimali akkwatiċi u ta' ċerti prodotti li ġejjin mill-annimali akkwatiċi, taċ-ċertifikazzjoni uffiċjali rigward tali ċertifikati u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1251/2008 (ĠU L 442, 30.12.2020, p. 410).

([8]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 tat-12 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' annimali partikulari u laħam frisk u r-rekwiżiti relatati maċ-ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1).

(10) It-tabella fil-Parti 1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' annimali ekwini. Dik il-lista jenħtieġ li tkun konsistenti mal-lista stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659 ([9]), li kien japplika sal-20 ta' April 2021, u assenja lill-Bahrain u liċ-Ċilì fil-gruppi sanitarji korretti. Għalhekk, l-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(11) It-tabella fil-Parti 1 tal-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' għasafar miżmuma fil-magħluq u prodotti ġerminali ta' għasafar miżmuma fil-magħluq. L-Artikolu 62 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jipprevedi deroga mir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fih għal konsenji ta' għasafar miżmuma fil-magħluq li joriġinaw minn pajjiżi terzi jew territorji speċifikament elenkati għad-dħul fl-Unjoni ta' għasafar miżmuma fil-magħluq abbażi ta' garanziji ekwivalenti. Dik il-lista ta' pajjiżi terzi jew territorji jenħtieġ li tiġi stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. Għalhekk, l-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(12) It-tabella fil-Parti 1 tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' klieb, qtates u inmsa. Fir-raba' kolonna ta' dik il-lista, fl-entrati għar-Renju Unit u għad-Dipendenzi tal-Kuruna ta' Guernsey, Isle of Man u Jersey, l-isem taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali "DOCAFE" indikat għal dak il-pajjiż terz u għal dawk id-Dipendenzi tal-Kuruna jenħtieġ li jiġi kkoreġut sabiex jindika "CANIS-FELIS-FERRETS", f'konformità maċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali li għandu jintuża minn pajjiżi terzi u territorji oħrajn. Barra minn hekk, fil-ħames kolonna tat-tabella fil-Parti 1 u fl-ewwel kolonna tat-tabella fil-Parti 3 tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, jenħtieġ li jitneħħa s-sottolinjar tat-terminu "Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja". Għalhekk, jenħtieġ li t-tabella fil-Parti 1 u t-tabella fil-Parti 3 tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu kkoreġuti skont dan.

(13) It-tabella fil-Parti 1 tal-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' prodotti ġerminali ta' annimali bovini. Fis-sitt kolonna ta' dik it-tabella, l-entrati għall-Kanada u għal New Zealand jenħtieġ li jiġu emendati fir-rigward tal-garanziji tas-saħħa tal-annimali biex jirriflettu l-garanziji għal infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24), infezzjoni bil-*Brucella abortus*, bil-*B. melitensis* u bil-*B. suis* u infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis, M. caprae, M. tuberculosis*) previsti fis-seba' kolonna tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. Barra minn hekk, id-deskrizzjoni ta' dawk il-garanziji tas-saħħa tal-annimali jenħtieġ li tiżdied fit-tabella fil-Parti 4 tal-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. Għalhekk, l-entrati għall-Kanada u għal New Zealand fl-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.

(14) Barra minn hekk, fir-raba' kolonna tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, l-entrati għar-Renju Unit u għad-Dipendenzi tal-Kuruna ta' Guernsey, Isle of Man u Jersey fir-rigward tal-ismijiet taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-ooċiti u l-embrijuni jenħtieġ li jiġu allinjati mal-entrati fir-rigward ta' pajjiżi terzi u territorji oħrajn. Għalhekk, għal raġunijiet ta' ċarezza, l-entrati għal Guernsey, Isle of Man, Jersey u r-Renju Unit fit-tabella fil-Parti 1 tal-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġu kkoreġuti skont dan.

(15) It-tabella fil-Parti 1 tal-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' prodotti ġerminali ta' annimali ovini u kaprini. Fis-sitt kolonna ta' dik it-tabella, l-entrati għall-Kanada, għaċ-Ċilì u għal New Zealand jenħtieġ li jiġu emendati fir-rigward tal-garanziji tas-saħħa tal-annimali biex jirriflettu l-garanziji għal infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) u infezzjoni bil-*Brucella abortus*, bil-*B. melitensis* u bil-*B. suis* previsti fis-seba' kolonna tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiżdied deskrizzjoni ta' dawk il-garanziji tas-saħħa tal-annimali mat-tabella fil-Parti 4 tal-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. Għalhekk, l-entrati għall-Kanada, għaċ-Ċilì u għal New Zealand fl-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659 tat-12 ta' April 2018 dwar il-kundizzjonijiet biex jidħlu fl-Unjoni ekwidi ħajjin u s-semen, l-ova u l-embrijuni tagħhom (ĠU L 110, 30.4.2018, p. 1).

(16) Barra minn hekk, fir-raba' kolonna tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, l-entrati għar-Renju Unit u għad-Dipendenzi tal-Kuruna ta' Guernsey, Isle of Man u Jersey fir-rigward tal-ismijiet taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-ooċiti u l-embrijuni jenħtieġ li jiġu allinjati mal-entrati fir-rigward ta' pajjiżi terzi u territorji oħrajn. Għalhekk, għal raġunijiet ta' ċarezza, l-entrati għal Guernsey, Isle of Man, Jersey u r-Renju Unit fit-tabella fil-Parti 1 tal-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġu kkoreġuti skont dan.

(17) It-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' prodotti ġerminali ta' annimali porċini. Fir-raba' kolonna ta' dik it-tabella, l-entrati għar-Renju Unit u għad-Dipendenzi tal-Kuruna ta' Guernsey, Isle of Man u Jersey fir-rigward tal-ismijiet taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-ooċiti u l-embrijuni jenħtieġ li jiġu allinjati mal-entrati fir-rigward ta' pajjiżi terzi u territorji oħrajn. Għalhekk, it-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li tiġi kkoreġuta skont dan.

(18) It-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' prodotti ġerminali ta' annimali ekwini. Fil-ħames kolonna ta' dik it-tabella, l-entrati għar-Renju Unit u għad-Dipendenzi tal-Kuruna ta' Guernsey, Isle of Man u Jersey fir-rigward tal-ismijiet taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-ooċiti u l-embrijuni jenħtieġ li jiġu allinjati mal-entrati fir-rigward ta' pajjiżi terzi u territorji oħrajn. Għalhekk, it-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li tiġi kkoreġuta skont dan.

(19) It-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' laħam frisk tal-ungulati. Fil-ħames kolonna ta' dik it-tabella, l-entrata għall-Urugwaj jenħtieġ li tiġi kkoreġuta fir-rigward tal-kundizzjonijiet speċifiċi biex tirrifletti l-kundizzjonijiet assenjati lil dak il-pajjiż terz bir-Regolament (UE) Nru 206/2010, li kien japplika sal-20 ta' April 2021. Għalhekk, l-entrata għall-Urugwaj fit-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li tiġi kkoreġuta skont dan.

(20) It-tabella fit-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' prodotti tal-laħam minn ungulati, tjur u għasafar tal-kaċċa. Il-konsenji ta' prodotti tal-laħam minn annimali tal-kaċċa mrobbija mill-Bożnija-Ħerzegovina huma permessi biss li jgħaddu mill-Unjoni u konsegwentement, fis-sitt kolonna ta' dik it-tabella, jenħtieġ li jidher it-terminu "Mhux awtorizzati". Għalhekk, l-entrata għall-Bożnija-Ħerzegovina fit-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li tiġi kkoreġuta skont dan.

(21) Barra minn hekk, fis-sitt kolonna tat-tabella fit-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, fl-entrata għaż-żona RU-2 fir-Russja fir-rigward tal-ungulati tal-kaċċa mrobbija, għajr l-annimali porċini, jenħtieġ li jiġi kkoreġut żball tipografiku relatat mat-trattamenti assenjati. Barra minn hekk, għal raġunijiet ta' ċarezza, dik l-entrata jenħtieġ li tirrifletti l-entrata fil-lista stabbilita fil-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE ([10]), li kienet tapplika sal-20 ta' April 2021. Għalhekk, l-entrata għar-Russja fit-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li tiġi kkoreġuta skont dan.

(22) Barra minn hekk, fit-tlettax-il kolonna tat-tabella fit-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, l-ismijiet taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali relatati ma' trattamenti ta' mitigazzjoni tar-riskju mhux speċifiċi jew speċifiċi meħtieġa huma jew neqsin bħal fl-entrata għall-Kosovo jew, bħal fl-entrata għaż-żona UA-0 fl-Ukrajna, jenħtieġ li ma jiġux inklużi peress li dik iż-żona mhijiex awtorizzata għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' prodotti tal-laħam minn ungulati, tjur u għasafar tal-kaċċa. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu kkoreġuti l-entrati għall-Kosovo u għall-Ukrajna fit-Taqsima A tal-Parti 1 ta' dak l-Anness. Għalhekk, l-entrati għall-Kosovo u għall-Ukrajna fit-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġu kkoreġuti skont dan.

([10]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam u tal-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/432/KE (ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49).

(23) Barra minn hekk, fl-ewwel kolonna tat-tabella fit-Taqsima B tal-Parti 1 tal-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, kodiċi tal-pajjiż terz huwa nieqes fl-entrata għall-Brażil. Għalhekk, jenħtieġ li dik l-ommissjoni tiġi kkoreġuta. Għalhekk, l-entrata għall-Brażil fit-Taqsima B tal-Parti 1 tal-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li tiġi kkoreġuta skont dan.

(24) Barra minn hekk, fit-tieni u t-tielet kolonni tat-tabella fil-Parti 2 tal-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, iż-żoni fil-Brażil ġew inklużi b'mod aċċidentali fl-entrata għall-Arġentina. Għalhekk, jenħtieġ li l-entrata għall-Arġentina tiġi kkoreġuta billi jitħassru ż-żoni tal-Brażil u billi tiddaħħal entrata separata għall-Brażil li tinkludi dawn iż-żoni fil-Parti 2 ta' dak l-Anness. Għalhekk, l-entrati għall-Arġentina u l-Brażil fil-Parti 2 tal-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġu kkoreġuti skont dan.

(25) L-Anness XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' budellati. L-Użbekistan issottometta lill-Kummissjoni t-tweġiba tiegħu għal kwestjonarju dwar id-dħul fl-Unjoni ta' budellati f'termini tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika. Dak il-pajjiż terz ipprovda biżżejjed evidenza u garanziji lill-Kummissjoni biex jiġi inkluż fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' budellati. Għalhekk, dan jenħtieġ li jiġi inkluż fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' budellati. Għalhekk, l-Anness XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(26) It-tabella fl-Anness XVIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' prodotti tal-ħalib meħtieġa li jgħaddu minn trattament speċifiku għall-mitigazzjoni tar-riskju kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer. Dik il-lista jenħtieġ li tkun konsistenti mal-lista stabbilita fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 ([11]), li kien japplika sal-20 ta' April 2021, u ma kienx jinkludi entrata għall-Bahrain. Għalhekk, l-Anness XVIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġi kkoreġut skont dan.

(27) It-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti tagħhom, awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' annimali akkwatiċi ħajjin tal-ispeċijiet elenkati. Il-Parti 1 ta' dak l-Anness jenħtieġ li tapplika mhux biss għal ċerti annimali akkwatiċi tal-ispeċijiet elenkati, iżda wkoll għal prodotti li joriġinaw mill-annimali minn dawk l-annimali akkwatiċi. Is-sentenza introduttorja tal-Parti 1 u t-titolu tat-tielet, ir-raba' u l-ħames kolonni tat-tabella f'dik il-Parti, jenħtieġ li jiġu emendati biex iqisu dan. Għalhekk, il-Parti 1 tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

(28) Barra minn hekk, fit-tielet kolonna tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, l-entrati għaż-żona CA-0 fil-Kanada u għaż-żona US-1 fl-Istati Uniti dwar id-dħul ta' konsenji ta' ħut fl-Unjoni jenħtieġ li jiġu ċċarati sabiex tiġi evitata kwalunkwe inċertezza dwar l-annimali akkwatiċi li huma elenkati bħala speċijiet vetturi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 ([12]), u dwar il-kundizzjonijiet li taħthom jitqiesu bħala vetturi tas-settiċemija emorraġika virali. Barra minn hekk, seħħ żball klerikali fir-rigward tal-elenkar ta' ċerti territorji fl-Istati Uniti għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' speċijiet elenkati ta' ħut. Il-kontenut tat-tielet kolonna tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 tal-entrata għaż-żona US-0 jenħtieġ li japplika għall-entrata għaż-żona US-1, u viċi versa. Għalhekk, l-entrati għall-Kanada u l-Istati Uniti fil-Parti 1 tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġu emendati u kkoreġuti skont dan.

([11]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 tat-2 ta' Lulju 2010 li jistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ħalib mhux ipproċessat, prodotti tal-ħalib, kolostru u prodotti li fihom il-kolostru maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 175, 10.7.2010, p. 1).

([12]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21).

(29) Barra minn hekk, fil-Parti 1 tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, l-entrati għar-Renju Unit u għad-Dipendenzi tal-Kuruna ta' Guernsey, Isle of Man u Jersey fir-rigward tad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' speċijiet elenkati ta' molluski u krustaċji jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-lista stabbilita fl-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1251/2008 ([13]), li kien japplika sal-20 ta' April 2021. Għalhekk, l-entrati għal Guernsey, Isle of Man, Jersey u r-Renju Unit fil-Parti 1 tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġu kkoreġuti skont dan.

(30) It-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XXII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali li għalihom l-Unjoni mhijiex id-destinazzjoni finali u l-lista ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali li joriġinaw mill-Unjoni u jirritornaw fiha. Fit-tieni kolonna ta' dik it-tabella, l-entrati għall-Belarussja, il-Montenegro, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja jenħtieġ li jimtlew bil-kodiċijiet nieqsa taż-żoni. Għalhekk, l-entrati għall-Belarussja, il-Montenegro, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja fil-Parti 1 tal-Anness XXII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġu kkoreġuti skont dan.

(31) Għalhekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġi emendat u kkoreġut skont dan.

(32) Fl-interess taċ-ċertezza legali, l-emendi u l-korrezzjonijiet li għandhom isiru fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 b'dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi b'urġenza.

(33) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huwa emendat u kkoreġut kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**";

(2) fl-Artikolu 3(1), il-punt (t) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(t) L-Anness XXI għall-annimali akkwatiċi tal-ispeċijiet elenkati maħsuba għal ċerti stabbilimenti tal-akkwakultura, għar-rilaxx fis-selvaġġ jew għal skopijiet oħrajn, għajr il-konsum mill-bniedem, kif ukoll għal ċerti annimali akkwatiċi tal-ispeċijiet elenkati u prodotti li joriġinaw mill-annimali minn dawk l-ispeċijiet elenkati li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem.";

(3) L-Annessi II, IV, VI, VIII sa XIII, XV, XVI, XVIII, XXI u XXII huma emendati u kkoreġuti f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

([13]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1251/2008 tat-12 ta' Diċembru 2008 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE fir-rigward tal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom u li jistabbilixxi lista ta' speċi li jgħaddu l-mard (ĠU L 337, 16.12.2008, p. 41).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi II, IV, VI, VIII sa XIII, XV, XVI, XVIII, XXI u XXII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati u kkoreġuti kif ġej:

(1) fl-Anness II, il-Parti 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"PARTI 1

Lista ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ungulati (għajr annimali ekwini u ungulati maħsuba għal stabbilimenti konfinati) kif imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (a)

Kodiċi ISO u isem il-pajjiż terz jew it-territorju	**Kodiċi taż-żona** kif stabbilit fil-Parti 2	**Speċijiet** permessi li jidħlu fl-Unjoni	**Kategoriji** permessi li jidħlu fl-Unjoni	**Ċertifikati tas-saħħa tal-annimali**	**Kundizzjonijiet speċifiċi** kif stabbilit fil-Parti 3	**Garanziji tas-saħħa tal-annimali** kif stabbilit fil-Parti 4	**Data tal-għeluq**	**Data tal-ftuħ**
1	**2**	**3**	**4**	**5**	**6**	**7**	**8**	**9**
CA Il-Kanada	CA-0	Annimali bovini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	BOV-X		SF-BTV, SF-EHD		
		Annimali ovini u kaprini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	OV/CAP-X, OV/CAP-Y		BRU, SF-BTV, SF-EHD		
		Annimali porċini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	SUI-X		ADV		
		Annimali kamelidi	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	CAM-CER		SF-BTV, SF-EHD		
		Ungulati oħrajn	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	RUM, RHINO, HIPPO		SF-BTV (2), SF-EHD (2)		
CH L-Iżvizzera	CH-0	Soġġett għall-Ftehim imsemmi fil-punt 7 tal-Anness I						
CL Iċ-Ċilì	CL-0	Annimali bovini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	BOV-X				
		Annimali ovini u kaprini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	OV/CAP-X		BRU		

		Annimali porċini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	SUI-X				
		Annimali kamelidi	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	CAM-CER				
		Annimali ċervidi	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	CAM-CER				
		Ungulati oħrajn	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	RUM, RHINO, HIPPO				
GB Ir-Renju Unit	GB-1	Annimali bovini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	BOV-X, BOV-Y	BRU, EBL			
		Annimali ovini u kaprini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	OV/CAP-X, OV/CAP-Y	BRU			
		Annimali porċini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	SUI-X, SUI-Y	ADV			
		Annimali kamelidi	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	CAM-CER				
		Annimali ċervidi	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	CAM-CER				
		Ungulati oħrajn	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	RUM, RHINO, HIPPO				
	GB-2	Annimali bovini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	BOV-X, BOV-Y	TB, BRU, EBL			
		Annimali ovini u kaprini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	OV/CAP-X, OV/CAP-Y	BRU			
		Annimali porċini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	SUI-X, SUI-Y	ADV			
		Annimali kamelidi	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	CAM-CER				
		Annimali ċervidi	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	CAM-CER				
		Ungulati oħrajn	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	RUM, RHINO, HIPPO				

GG Guernsey	GG-0	Annimali bovini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	BOV-X				
		Annimali ovini u kaprini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	OV/CAP-X	BRU			
		Annimali porċini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	SUI-X	ADV			
		Ungulati oħrajn	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	RUM, RHINO, HIPPO				
GL Greenland	GL-0	Annimali ovini u kaprini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	OV/CAP-X				
		Annimali kamelidi	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	CAM-CER				
		Annimali ċervidi	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	CAM-CER				
		Ungulati oħrajn	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	RUM, RHINO, HIPPO				
IM Isle of Man	IM-0	Annimali bovini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	BOV-X, BOV-Y	TB, BRU, EBL			
		Annimali ovini u kaprini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	OV/CAP-X, OV/CAP-Y	BRU			
IS L-Iżlanda	IS-0	Annimali bovini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	BOV-X, BOV-Y				
		Annimali ovini u kaprini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	OV/CAP-X, OV/CAP-Y				
		Annimali porċini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	SUI-X, SUI-Y	CSF			
		Annimali kamelidi	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	CAM-CER				
		Annimali ċervidi	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	CAM-CER				
		Ungulati oħrajn	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	RUM, RHINO, HIPPO				

JE Jersey	JE-0	Annimali bovini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	BOV-X, BOV-Y	EBL			
NZ New Zealand	NZ-0	Annimali bovini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	BOV-X, BOV-Y		BRU, TB		
		Annimali ovini u kaprini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	OV/CAP-X, OV/CAP-Y		BRU		
		Annimali porċini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	SUI-X, SUI-Y				
		Annimali kamelidi	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	CAM-CER				
		Annimali ċervidi	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	CAM-CER				
		Ungulati oħrajn	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	RUM, RHINO, HIPPO				
US L-Istati Uniti	US-0	Annimali porċini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	SUI-X				

(1) "Annimali għaż-żamma ulterjuri" tfisser annimali maħsuba għal stabbilimenti li jżommu annimali ħajjin għajr biċċeriji.
(2) Għall-ispeċijiet elenkati biss skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21)."

(2) fl-Anness IV, il-Parti 1 hija kkoreġuta kif ġej:

(a) l-entrata għall-Bahrain hija sostitwita b'dan li ġej:

"**BH** Il-Bahrain	BH-0	E	Żwiemel reġistrati	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE"				

(b) l-entrata għaċ-Ċilì hija sostitwita b'dan li ġej:

"**CL** Iċ-Ċilì	CL-0	D	Żwiemel reġistrati; ekwidi reġistrati; annimali ekwini oħrajn mhux maħsuba għall-iskarnar; annimali ekwini għall-iskarnar	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-Y, EQUI-TRANSIT-Y, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE"				

(3) fl-Anness VI, il-Parti 1 hija emendata kif ġej:

(a) it-titolu li ġej jiddaħħal wara t-titolu tal-Parti 1 u qabel it-tabella:

"*TAQSIMA A*

Lista ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' għasafar miżmuma fil-magħluq u prodotti ġerminali ta' għasafar miżmuma fil-magħluq"

(b) it-Taqsima B li ġejja tiddaħħal wara t-tabella fit-Taqsima A u qabel il-Parti 2:

"*TAQSIMA B*

